# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 318/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Jean Claude Agius**

Illum 20 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Jean Claude Agius**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0472375(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda għax-xhur minn Marzu 2020 sa April 2021 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Chakira Fenech u/jew lil

uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Lulju 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 18 u 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu u kkundannatu tliet xhur priġunerija.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u għalhekk tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija, b'dana illi, fl-eventwalita' li jidhrilha li l-esponenti huwa ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu, jogħġobha sabiex fiċ-ċirkostanzi tvarja l-piena nflitta fuqu mill-Ewwel Onorabbli Qorti minn waħda karċerarja għal waħda anqas gravuża u waħda li ma tkunx timporta l-karċerazzjoni effettiva tiegħu."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti tirreferi għal Dok. "A" (*a fol.* 42) datat 17 ta' Mejju 2022 li fih jidher li sar depożitu ta' elfejn u erba' mitt (€2,400) fil-kont bankarju ta' Shakira Fenech u fuq dan id-dokument hemm miktub il-kliem *"Account to Account Transfer"*.

Illi din il-Qorti, filwaqt li tinnota li s-sentenza appellata ngħatat fl-4 ta' Lulju 2022, tinnota wkoll li fix-xiehda mogħtija mill-*parte civile* Fenech quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2022 hija qalet li l-ammont kien tħallas *"wara d-data"* u qalet ukoll li kien għad hemm mantenimenti pendenti. Da parte tagħha, id-difiża nsistiet li l-flus ingħataw qabel ma ngħatat is-sentenza mill-Ewwel Qorti. Fl-istess seduta, din il-Qorti diversament preseduta staqsiet lil *parte civile* jekk kinitx tħallset tal-manteniment dovut lilha minn Marzu 2020 sa April 2021 u hija wieġbet fl-affermattiv u tgħid li kienet tħallset f'Mejju 2022. Tgħid li meta telgħet tixhed quddiem l-Ewwel Qorti kienet diġa' tħallset iżda kienu ġew imsejħin minħabba l-fatt li kienet għaddiet id-data minn meta l-appellant suppost kellu jħallas. Hija tenniet li għad hemm mantenimenti oħrajn li għad trid tiftaħ kawża dwarhom.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jgħid li bid-digriet (*a fol.* 18) tat-18 ta' Lulju 2017 mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) huwa ġie kkundannat iħallas il-manteniment lil "Shakira" Fenech waqt li f'dawn il-proċeduri ġie akkużat li ma ħallasx manteniment lil "Chakira" Fenech.

Illi din il-Qorti ma tara ebda nullita' taċ-ċitazzjoni minħabba li isem il-*parte civile* huwa "Shakira" u mhux "Chakira" kif jidher fiċ-ċitazzjoni. Din id-differenza minima fil-mod kif kien spellut isem il-*parte civile* ma ġġibx nullita' għaliex xorta ċ-ċitazzjoni għandha l-elementi kollha rikjesti mill-Artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellant huwa li l-imputazzjoni hija preskritta *ai termini* ta' Artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan l-aggravju, din il-Qorti tinnota li fiċ-ċitazzjoni jidhru l-kliem *"ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda"*. Dan ifisser li japplika Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li biha l-piena tista' titla' bi grad jew bi tnejn. Jirriżulta li l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant tirreferi għax-xhur minn Marzu 2020 sa April 2021 u li ewwel dehra quddiem l-Ewwel Qorti kienet skedata għat-8 ta' Novembru 2021. Għandu jingħad ukoll li kien hemm ukoll perjodu meta l-preskrizzjoni kienet sospiża minħabba l-pandemija tal-Covid-19. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li meta l-*parte civile* għamlet ir-rapport hija kienet qalet li kienet ilha ma tirċievi pagament mill-1 ta' Marzu 2020. Meqjusin l-applikazzjoni ta' Artikoli 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll il-perjodu ta' sospensjoni minħabba l-pandemija msemmija jsegwi li l-każ mhux preskritt. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> tiegħu l-appellant jisħaq li d-digriet (*a fol.* 18) tat-18 ta' Lulju 2017 mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ma baqax jgħodd u mhux enforzabbli peress li l-kawża li kienet pendenti marret deżerta fl-14 ta' Diċembru 2021. Jgħid li l-kawża kienet marret darbtejn *sine die* wara li l-*parte civile* qatt ma ressqet provi fiha. Jisħaq li kien obbligu tal-Prosekuzzjoni li tipprova li d-digriet kien għadu validu u li kienet żbaljata l-Ewwel Qorti meta qalet li l-appellant ma ġabx il-prova sal-grad rikjest mil-liġi meta huwa biżżejjed li l-prova tinġieb fuq prova ta' probabilita'. Jargumenta li kienet il-*parte civile* nnifisha li kkonfermat li l-kawża kienet marret deżerta. Huwa għamel riferenza għal Artikolu 37(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u għal Artikoli 964(1) u 963(6) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u jargumenta li l-*parte civile* qed titlob ħlas a bażi ta' proċedura li m'għadhiex teżisti u li hija abbużat mis-sistema billi baqgħet tistrieħ fuq ordni *pendente lite* mingħajr ma kompliet b'kawża.

Illi din il-Qorti tinnota li minkejja li l-appellant jissottometti li d-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) hawn fuq imsemmi m'għadux jorbot għaliex il-kawża ma tkomplietx, ma jirriżultax mill-atti proċesswali li hu kien talab biex id-digriet tal-Qorti msemmija jinbidel jew li jitneħħa għal kollox. Sakemm l-ordni ma jkunx tneħħa mill-Qorti, dan jibqa' viġenti u ħadd ma jista' jieħu l-liġi b'idejh u ma jħallasx mingħajr ma jkun hemm digriet ġdid mill-Qorti li jagħtih din il-fakolta'. Għalhekk din il-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-<u>raba' aggravju</u> tiegħu l-appellant jargumenta li l-affidavit ta' PC 180 M. Caruana mhux ammissibbli bħala prova għaliex ma josservax id-dettami ta' Artikoli 5(1) u 5(2) tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li fl-affidavit ta' PC 180 M. Caruana (*a fol.* 22) jissemma l-isem tal-post *ossia* l-Għassa ta' Raħal Ġdid. Fuqu hemm id-data tat-13 ta' Awwissu 2021, hemm il-firma ta' min għamel l-affidavit fuq ix-xellug u l-firma tal-persuna li tat il-ġurament fuq il-lemin (bit-timbru). Fuq l-istess naħa tal-lemin jidhru l-kliem "Konfermata bil-ġurament quddiemi wara li vverifikajt l-identita' tal-persuna". B'hekk isegwi li ma teżisti l-ebda raġuni għala l-affidavit ta' PC 180 M. Caruana għandu jiġi kkunsidrat bħala mhux ammissibbli u għalhekk il-Qorti qed tiċħad ukoll ir-raba' aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ħames aggravju</u> tal-appellant huwa li fis-17 ta' Mejju 2022 hu ħallas lil *parte civile* l-arretrati ta' manteniment li abbażi tagħhom saret din il-kawża u b'hekk jitlob sabiex subordinatment din il-Qorti timponi sentenza anqas gravuża.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti jirriżultalha li l-*parte civile* xehdet li kienet tħallset u mill-atti proċesswali jirriżulta li dan sar qabel ma ngħatat is-sentenza appellata. F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti ser tikkonsidra sanzjoni differenti minn dik mogħtija mill-Ewwel Qorti u għalhekk ser tilqa' il-ħames aggravju.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Jean Claude Agius billi tirriforma s-sentenza appellata fejn filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet ħtija fl-appellant għall-imputazzjoni addebitata lilu, tgħaddi biex tvarja l-piena nflitta u wara li rat Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettiex reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**